This site plan is being published on page 6473.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of Plot number '10' at Tal-Qroqq, in the limits of Msida and Birkirkara, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1961, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the plot of land described hereunder at Tal-Qroqq, in the limits of Msida and Birkirkara, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 4 tmiem, 2 siegħan u 6 kejliet of a field equivalent to 4,983.628 square metres, bounded on the North and North West by property of Luigi Preziosi, on the East by property of Karmnu Mifsud and others and on the South by property of the heirs of Grazio Borg or more precise boundaries is valued for seventy one thousand, four hundred and ninety six Euros and seventy one cents (€71,496.71).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 24th August, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Leonard Zammit, BE&A (Hons)

23rd January, 2023

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **303672 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53012 y = 73229**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5273**	Data: *Date:* **04/05/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 4,984m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284846 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 799

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tal-10 ta' Ġunju, 1988, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-12 ta' Ġunju, 2023
(File No. L/703/87/1 Plot 3)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħad-Dingli:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,030 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' triq pubblika, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmel Apap Bologna u oħrajn jew irjieħ verjuri.

Il-biċċa art tidher murija bil-kulur isfar u mmarkata bħala plot '3' fuq il-pjanta L.D. nru. 244/87, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija a bażi tal-Artikolu 44 u 64 tal-Kapitolu 573 huwa ta' mija u disgħa u għoxrin elf, erba' mija wieħed u erbgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€129,441.85), skont l-istima li saret mill-Perit Leonard Zammit, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 799

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 10th June, 1988, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

12th June, 2023

Description of the Land

The following land at Ħad-Dingli:

A plot of land measuring about 2,030 square metres, bounded on the South East by a public road, on the North East and North West by property of Carmelo Apap Bologna and others or more precise boundaries.

The plot of land is shown with the colour yellow and marked as plot '3' on plan L.D. 244/87, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land in terms of Article 44 and 64 of Chapter 573 is one hundred and twenty nine, four hundred and forty one Euros and eighty five cents (€129,441.85), according to the valuation made by Architect Leonard Zammit, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-4 ta' April, 2023

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 6476.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon art fi Triq l-Irdum, f'Ħad-Dingli, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1988, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward l-art hawn taħt deskritta fi Triq l-Irdum, f'Ħad-Dingli, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,030 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk ma' triq pubblika, mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Carmel Apap Bologna u oħrajn jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur isfar u mmarkata bħala plot '3' fuq il-pjanta L.D. nru. 244/87 u stmata għall-valur ta' mija u disgħa u għoxrin elf, erba' mija wieħed u erbgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€129,441.85).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-13 ta' Novembru, 2021. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Leonard Zammit, BE&A (Hons)

Il-5 ta' Settembru, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

4th April, 2023

This site plan is being published on page 6476.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land in Triq l-Irdum, at Ħad-Dingli, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1988, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the land described hereunder in Triq l-Irdum, at Ħad-Dingli, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 2,030 square metres, bounded on the South East by a public road, on the North East and North West by property of Carmelo Apap Bologna and others or more precise boundaries, is shown delineated with the colour yellow and marked as plot '3' on plan L.D. no. 244/87 and valued for one hundred and twenty nine, four hundred and forty one Euros and eighty five cents (€129,441.85).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 13th November, 2021. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Leonard Zammit, BE&A (Hons)

5th September, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **307362 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 44079 y = 68624**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4468**	Data: *Date:* **01/06/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 2030m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284890 Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 800

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' April, 2023, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 500, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

It-12 ta' Ġunju, 2023
(File No. L/0264/2018/10)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birkirkara limiti ta' Ħ'Attard:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 7 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Punent ma' triq pubblika u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Onor. Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ġie ddikjarat li l-art hawn fuq imsemmija fi Triq il-Ħofor, f'Birkirkara, limiti ta' Ħ'Attard, m'għadiex aktar meħtieġa minn Infrastructure Malta u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha l-imsemmija art se tingħata lura lis-sidien.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħala Plot '10_2' fuq il-pjanta P.D. nru. 2018_0266D2, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi pubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-25 ta' April, 2023

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 6478.

No. 800

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration by the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th April 2023, under Government Notice No. 500, limitly for the land described hereunder.

12th June, 2023

Description of the Land

The following land at Birkirkara limits of Ħ'Attard:

A plot of land measuring about 7 square metres, bounded on the North by Governemnt property, on the West by a public road and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries.

With the approval of the Hon. Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects, it has been declared that the above mentioned land in Triq il-Ħofor, at Birkirkara, limits of Ħ'Attard, is no longer required by Infrastructure Malta and therefore this revocation is being made by which the mentioned land will be returned to the owners.

The above mentioned land is shown marked with the colour blue and marked as Plot '10_2' on plan P.D. No. 2018_0266D2, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

25th April, 2023

This site plan is being published on page 6478.

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only

OWNERSHIP

4·3m

3·3m

5·4m

0·3m


According to P.A. no. 2018-0266 D2 (Rot 10-2)

Scale 1:100

0 2 4 6 8 10m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **307200 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 51018** **y = 72336**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5072**	Data: *Date:* **31/05/2023**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Area: 7 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 284888 Dritt imħallas *Fee Paid*

1260

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' April, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Helen Zerafa vs Haber 16 Ltd, Rikors numru 127/2023JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata Haber 16 Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Helen Zerafa (KI 732345M) vs Haber 16 Ltd (C87127) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-10 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Helen Zerafa talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 16A et sequitur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tiżgombra mill-garaxx fuq imsemmi, bla numru uffiċjali, sottopost għad-dar bl-isem Dar il-Hena, fi Triq iċ-Ċawsli, Ħal Qormi, u tirrilaxxjah battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata li tibqa' inġunta minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għall-jedd tal-esponenti għad-danni inkluż minħabba okkupazzjoni illegali li għad tista' ssofri bi ħtijiet tal-kumpanija intimata.

Rikorrenti: Helen Zerafa, Blokk A, Flat 2, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad

Notifika kumpanija intimata: Haber 16 Limited, 14, Triq Brared, Birkirkara

Jew

Pitch 16 Bar and Grill, il-Ponta tal-Qrejten, Triq it-Trunċiera, Marsaxlokk

Ir-rikors fl-ismijiet Helen Zerafa vs Haber 16 Limited, Rikors numru 127/2023JM, jinsab differit għall-11 ta' Lulju, 2023, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ġunju, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 25th April, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Helen Zerafa vs Haber 16 Limited, Application Number 127/2023JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent company Haber 16 Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Helen Zerafa (ID 732345M) vs Haber 16 Ltd (C87127) filed before the Rent Regulation Board, on the 10th March, 2023, the applicant Helen Zerafa requested this Honourable Board to:

1. Determine and decide this case without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta according to the requests of the applicant;

2. Condemn the respondent company so that within a short and peremptory time that is fixed, it vacates from the garage without an official number, underlying the house with the name Dar il-hena, Triq iċ-Ċawsli, Ħal Qormi and leave it empty and in good condition in favour of the applicant.

With costs against the respondent company who is from now summoned so that a reference to the oath be made and reserving any right for damages by the applicant, including those of illegal occupation, and that she may still suffer because of the respondent.

Applicant: Helen Zerafa, Blokk A, Flat 2, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad

Notification respondent company: Haber 16 Limited, 14, Triq Brared, Birkirkara

Or

Pitch 16 Bar and Grill, il-Ponta tal-Qrejten, Triq it-Trunċiera, Marsaxlokk

The application in the names Helen Zerafa vs Haber 16 Limited, Application number 127/2023JM has been postponed for hearing to the 11th July, 2023, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th June, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1261

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 20 ta' April, 2023, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 63/2006 fl-MSM Investments Limited vs Concord Company Limited u Renald Attard għal kwalunkwe interess li jista' jkollu, il-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni fil-konfront tal-imsemmija MSM Investments Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi permezz tar-Rikors tal-Appell 63/2006 ippreżentat fis-6 ta' Diċembru, 2022, fl-ismijiet fuq premessi, l-appellanti Concord Company Limited (C2273) u Renald Attard (531979M) ħassewhom aggravati bis-sentenza preliminari tat-22 ta' Ottubru, 2008, u bis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2022, tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi u qed jinterponu appell minnhom quddiem din il-Qorti tal-Appell;

Illi aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti billi l-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ewwel lok, fis-sentenza tiegħu tat-22 ta' Ottubru, 2008, kellu jilqa' l-eċċezzjoni tal-esponent Renald Attard li ma kienx leġittimu konradittur f'dawn il-proċeduri ladarba ma huwiex kontestat li l-inkwilina hija s-soċjetà Concord Company Limited u inoltre l-Bord kellu jilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha deċiżi fis-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2022, u konsegwentement kellu jiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellata.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha: (i) tirrevoka s-sentenza preliminari tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-22 ta' Ottubru, 2008, u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponent appellant Renald Attard personalment mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri; u (ii) tirriforma s-sentenza tal-istess Bord li Jirregola l-Kera tal-15 ta' Novembru, 2022, billi filwaqt li tikkonferma fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-esponenti u tirrevokha fejn laqgħet it-talbiet tar-rikorrenti u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellanti u tiċħad it-talbiet tal-istess rikorrenti. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellata.

Ir-Rikors numru 63/2006 fl-ismijiet MSM Investments Limited vs Concord Company Limited u Renald Attard jinsab differit għall-14 ta' Ġunju, 2023, fl-10.20 a.m.

Notifika: MSM Investments Limited, 80/2, Triq Tigné, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri), illum 8 ta' Ġunju, 2023

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree delivered by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on 20th April, 2023, in the records of Appeal Application No. 63/2006 in the names MSM Investments Limited vs Concord Company Limited and Renald Attard for any interest he might have the court ordered the following publication in regard to the said MSM Investments Limited pursuant to section 187(3) et sequitur of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Whereas by means of Appeal Application No. 63/2006 filed on 6th November, 2022, in the names premised above, the appellants Concord Company Limited (C2273) and Renald Attard (531979M) felt aggrieved by the preliminary judgment of the 22nd October, 2008, and by the judgment of 15th November, 2022, of the Rent Regulation Board and an appeal is being lodged by them before this Court of Appeal;

Whereas the grievances of the exponents are clear and manifest because the Rent Regulation Board, in the first place, in its judgment of 22nd October, 2008, should have upheld the plea of the exponent Renald Attard who was not a legitimate defendant in these proceedings since it is not contested that the tenant is the company Concord Company Limited and in addition the Board should have also upheld all the other pleas decided in the judgment of 15th November, 2022, and consequently it should have dismissed all the claims by this appeal respondent.

Therefore, the appellants respectfully request that this Court: (i) revokes the preliminary judgment of the Rent Regulation Board of 22nd October, 2008, and instead uphold the first plea and declare and decide that the appellant exponent Renald Attard personally is not a legitimate defendant in these proceedings; and (ii) reforms the judgment of the same Rent Regulation Board of 15th November, 2022, by confirming it where it dismissed the claims by the claimants and upheld the exponents' pleas and revoke it where it upheld the claims by the appeal respondent and instead uphold all the pleas by the appellants and dismiss the respondent's claims. With the costs of the two instances against the respondent company.

Appeal number 63/2006 in the names MSM Investments Limited vs Concord Company Limited and Renald Attard is deferred to the 14th June, 2023, at 10.20 a.m.

Notification: MSM Investments Limited, 80/2, Triq Tigné, Tas-Sliema

Registry of the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 8th June, 2023

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*